

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 242

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

20 ta' Settembru 2011

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ **Avviż rigward id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali fil-Mediterran għall-Konvenzjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran** 1

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011 tad-19 ta' Settembru 2011 dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali ⁽¹⁾** 2

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 932/2011 tad-19 ta' Settembru 2011 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 4

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 933/2011 tad-19 ta' Settembru 2011 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11 6

Prezz: EUR 3

(Ikompili fil-paġna ta' wara)

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE
MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2011/547/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2011 dwar il-varar ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fir-Rumanija** 8

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Avviż rigward id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali fil-Mediterran għall-Konvenzjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran

Il-Protokoll dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali fil-Mediterran għall-Konvenzjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran, iffirmat f'Madrid fis-16 ta' Jannar 2009 ⁽¹⁾, daħal fis-seħħ, permezz tal-Artikolu 39 tal-Protokoll, fl-24 ta' Marzu 2011.

⁽¹⁾ ĠU L 34, 4.2.2009, p. 17.

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 931/2011

tad-19 ta' Settembru 2011

dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali tat-traċċabbiltà tal-ikel. Dan jipprevedi li t-traċċabbiltà tal-ikel għandha tiġi stabbilita fl-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni. Dan l-Artikolu jiddikjara wkoll li l-operaturi fin-negozju tal-ikel għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw il-persuni li pprovdewhom l-ikel. Tali operaturi għandhom ukoll ikunu jistgħu jidentifikaw in-negozji li lilhom ġew providuti l-prodotti tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti meta jkun hemm talba għaliha.
- (2) It-traċċabbiltà hija meħtieġa biex tiġi żgurata s-sigurtà fl-ikel u l-affidabbiltà tal-informazzjoni li tiġi pprovduta lill-konsumaturi. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li tiġi applikata t-traċċabbiltà għall-ikel li joriġina mill-annimali sabiex tiġi ffaċilitata t-tneħħija tal-ikel mhux sikur mis-suq, u b'hekk jiġu protetti l-konsumaturi.
- (3) Sabiex tinkiseb it-traċċabbiltà tal-ikel kif stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, huma meħtieġa l-ismijiet u l-indirizzi tal-operatur fin-negozju tal-ikel li jipprovdi l-ikel kif ukoll tal-operatur fin-negozju tal-ikel li lilu ġie pprovdut l-ikel. Ir-rekwiżit jiddependi fuq l-approċċ "pass lura"- "pass 'il quddiem" li jimplika li l-operaturi fin-negozju tal-ikel għandhom sistema li tipper-

mettilhom jidentifikaw il-fornitur(i) immedjat(i) u l-klijent(i) immedjat(i) tagħhom, ħlief meta jkunu l-konsumaturi finali.

- (4) Il-kriżijiet tal-ikel fl-imgħoddi wrew li r-rekords ta' dokumentazzjoni mhux dejjem kienu biżżejjed biex jippermettu traċċabbiltà sħiħa tal-ikel suspett. Matul l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel⁽²⁾, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali⁽³⁾ u r-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman⁽⁴⁾, l-esperjenza wriet li l-operaturi fin-negozju tal-ikel normalment ma għandhomx l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi żgurat li s-sistemi tagħhom li jidentifikaw l-immaniġġjar jew il-ħażna tal-ikel humiex adegwati, b'mod partikolari fis-settur tal-ikel li joriġina mill-annimali. F'dan is-settur dan ir-riżultat fteif ekonomiku għoli ż-żejjed minħabba n-nuqqas ta' traċċabbiltà sħiħa u malajr tal-ikel.
- (5) Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti ċerti regoli għas-settur speċifiku tal-ikel li joriġina mill-annimali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002. Dawn ir-regoli għandhom jippermettu (ftit) flessibbiltà fir-rigward tal-format li bih tiġi magħmula disponibbli l-informazzjoni rilevanti.
- (6) B'mod partikolari, huwa xieraq li tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali dwar il-volum jew il-kwantità tal-ikel li joriġina mill-annimali, referenza li tidentifika l-lott, il-grupp jew il-konsenja, kif xieraq, deskrizzjoni dettaljata tal-ikel u d-data tal-bgħit.
- (7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

⁽¹⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

⁽⁴⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà stipulati bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 għall-operaturi fin-negozju tal-ikel fir-rigward tal-ikel li joriġina mill-annimali.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ikel definit bħala prodotti mhux ipproċessat u pproċessati fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-ikel li jkun fih kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali.

Artikolu 3

Rekwiżiti tat-traċċabbiltà

1. L-operaturi fin-negozju tal-ikel għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li ġejja dwar il-konsenji ta' ikel li joriġina mill-annimali tkun magħmula disponibbli għall-operatur fin-negozju tal-ikel li lilu jkun ġie provdut l-ikel u għall-awtorità kompetenti fuq talba tagħha:

- (a) Deskrizzjoni preċiża tal-ikel,
- (b) Il-volum jew il-kwantità tal-ikel,
- (c) L-isem u l-indirizz tal-operatur fin-negozju tal-ikel li mingħandu ntbaġhat l-ikel,

(d) L-isem u l-indirizz tal-ispeditur (is-sid) jekk ikun differenti mill-operatur fin-negozju tal-ikel li mingħandu ntbaġhat l-ikel,

(e) L-isem u l-indirizz tal-operatur fin-negozju tal-ikel li lilu jintbaġhat l-ikel,

(f) L-isem u l-indirizz tal-ispeditur (is-sid) jekk ikun differenti mill-operatur fin-negozju tal-ikel li lilu jintbaġhat l-ikel,

(g) Referenza li tidentifika l-lott, il-grupp jew il-konsenja, kif xieraq, u

(h) Id-data ta' meta ntbaġhat.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi magħmula disponibbli flimkien ma' kull informazzjoni meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-traċċabbiltà tal-ikel li joriġina mill-annimali.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi aġġornata kuljum u miżmuma disponibbli mill-inqas sakemm wieħed ikun jista' jassumi b'mod raġonevoli li l-ikel ikun ġie kkonsmat.

Meta mitlub mill-awtorità kompetenti, l-operatur fin-negozju tal-ikel għandu jipprovdi l-informazzjoni mingħajr dewmien żejjed. Il-fornitur tal-ikel iffriżat jagħżel il-formola xierqa li fiha għandha tingħata l-informazzjoni, iżda l-informazzjoni rikjesta fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli b'mod ċar u mingħajr ekwivoċi u għandha tkun tista' tinsab mill-operatur tan-negozju li lilu jiġi pprovdut l-ikel.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Settembru 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 932/2011**tad-19 ta' Settembru 2011****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-risultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Settembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	EC	23,1
	MK	31,8
	XS	31,8
	ZZ	28,9
0707 00 05	EG	135,3
	TR	108,5
	ZZ	121,9
0709 90 70	TR	130,5
	ZZ	130,5
0805 50 10	AR	62,6
	CL	84,2
	UY	81,9
	ZA	86,2
	ZZ	78,7
0806 10 10	EG	116,3
	MK	85,4
	TR	107,5
	US	271,3
	ZA	66,3
	ZZ	129,4
0808 10 80	AR	148,7
	CL	154,9
	CN	86,4
	NZ	119,0
	US	123,7
	ZA	108,1
	ZZ	123,5
0808 20 50	AR	217,1
	CN	90,9
	TR	107,9
	ZA	162,6
	ZZ	144,6
0809 30	TR	133,7
	ZZ	133,7

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 933/2011**tad-19 ta' Settembru 2011****li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni sub-paragrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

- (1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet

għas-sena tas-suq 2010/11 ġew stabbiliti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 867/2010 ⁽³⁾. Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 921/2011 ⁽⁴⁾.

- (2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha fidejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Settembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.⁽³⁾ ĠU L 259, 1.10.2010, p. 3.⁽⁴⁾ ĠU L 238, 15.9.2011, p. 30.

ANNEX

L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-20 ta' Settembru 2011

(EUR)

Kodiċi NM	Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat	Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat
1701 11 10 ⁽¹⁾	47,27	0,00
1701 11 90 ⁽¹⁾	47,27	0,72
1701 12 10 ⁽¹⁾	47,27	0,00
1701 12 90 ⁽¹⁾	47,27	0,43
1701 91 00 ⁽²⁾	49,93	2,49
1701 99 10 ⁽²⁾	49,93	0,00
1701 99 90 ⁽²⁾	49,93	0,00
1702 90 95 ⁽³⁾	0,50	0,22

⁽¹⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽²⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽³⁾ Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Settembru 2011

dwar il-varar ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fir-Rumanija

(2011/547/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI ⁽²⁾ b'mod partikolari l-Artikolu 20 u l-Kapitolu 4 tal-Anness tagħha,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Protokoll dwar id-Dispożizzjonijiet Transitorji anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-effetti ġuridiċi tal-atti tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona huma ppreservati sakemm dawh l-atti jiġu rrevokati, annullati jew emendati fl-implimentazzjoni tat-Trattati.
- (2) Konformement ma' dan, l-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI huwa applikabbli u l-Kunsill għandu jiddeċiedi unanimament jekk l-Istati Membri implimentawx id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 6 ta' dik id-Deċiżjoni.
- (3) L-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI jipprevedi li d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI għandhom jittieħdu abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni bbażat fuq kwestjonarju. Fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' data f'konformità mal-Kapitolu 2 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jiġi bbażat fuq żjara ta' evalwazzjoni u eżerċizzju pilota.
- (4) F'konformità mal-Kapitolu 4, il-punt 1.1 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI, il-kwestjonarju mfassal mill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill jikkonċerna kull wiehied mill-iskambji awtomatizzati ta' data u għandu jimtela minn Stat Membru hekk kif huwa jemmen li

huwa jissodisfa l-prerekwiżiti għall-kondiviżjoni tad-data fil-kategorija rilevanti ta' data.

- (5) Ir-Rumanija kkompletat il-kwestjonarju dwar il-protezzjoni tad-data u l-kwestjonarju dwar id-Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD).
- (6) Il-Pajjiżi l-Baxxi wettqu b'suċċess eżerċizzju pilota mar-Rumanija.
- (7) Saret żjara ta' evalwazzjoni fir-Rumanija u tfassal rapport dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni mill-iskwadra ta' evalwazzjoni Belġjana/Olandiża li ntbagħat lill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill.
- (8) Ġie ppreżentat lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni ġenerali, li jagħti sintesi tar-riżultati tal-kwestjonarju, taż-żjara ta' evalwazzjoni u tal-eżerċizzju pilota li jikkonċernaw il-VRD,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' konsultazzjoni awtomatizzata ta' data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi (VRD), ir-Rumanija implimentat bis-siġħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI u hija intitolata li tirċievi u tipprovdi data personali f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dik id-Deċiżjoni mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DOWGIELEWICZ

⁽¹⁾ ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT